**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Bhala Qorti ta' Ġudikatura Krimnali**

**Maġistrat Dr. Simone Grech B.A. LL.D. Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Il-Pulizija**
**Spettur Josef Gauci**

**Vs**

**Deelian Mifsud**

**Kumpilazzjoni Numru 29/2021**

**Illum 16 ta' Ġunju 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Deelian Mifsud ta' 21 sena, detentur tal-karta ta' l-identita' numru: 18600L li permezz tagħhom ġie akkużat talli:

*"…f'dawn il-Gzejjer, nhar it-18 ta' Lulju 2021, għall-habta tas-siegħa ta' filgħodu (01:00hrs), fi Triq Martino Garces, fil-limiti ta' Għajnsielem, Għawdex, u/jew fil-viċinanzi f'dawn il-Gzejjer:*

1. *Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li iqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, izda bil-ħsieb li jikkaġuna offiża ta'natura gravi fuq il-persuna ta' Mohamed Hassan Ismail, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema*

*delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mil-volonta tiegħu,* ***u dan bi ksur tal-artikoli 41(1)(a), 202(n), 214, 215, 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

2. *U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew iqiegħed l-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Mohamed Hassan Ismail, skont kif iċċertifikat Dr. Marlene Attard MD mill-iSptar Generali t'Għawdex,* ***u dan bi ksur tal-artikoli 202(n), 214 u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

3. *U aktar talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioe' mobile tal-għamla Apple Iphone, liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix l-elfejn u ħames mitt ewro (€2,500), izda huwa aktar minn mitejn u ħamsin ewro (€250), u dan għad-dannu ta' Mohamed Hassan Ismail,* ***u dan bi ksur tal-artikolu 325 (1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

4. *U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku,* ***u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

5. *U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kiser il-provedimenti tal-Kap 446 Artiklu 7 tal-Ligijiet ta' Malta impost fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., datata 20 ta' Ottubru 2020, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel,* ***u dan bi ksur tal-artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta.***

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża u cioe' ta' Mohamed Hassan Ismail, jew għaz-żamma tal-bon-ordni pubbliku, flimkien mall-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus,* ***u dan ai terminu tal-artikolu 383 et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba li toħrog ordni ta protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Deelian Mifsud, a benefiċju ta' Mohamed Hassan Ismail,* ***u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba biex f'każ ta' ħtija tqis lill-Deelian Mifsud bħala reċidiv, b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra,* ***u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta."***

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti.

Semgħet il-provi.

Semgħet trattazzjoni.

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Fin-nota tiegħu tat-30 ta' Mejju 2022, l-Avukat Ġenerali ndika s-segwenti bhala l-artikoli li dwarhom tista' tinstab ħtija fl-imputat u ċioe' l-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216, 218, 222A(7), 202(n), 214, 221(1), 222A(7), 202(n), 325(1)(b), 338(dd), 23, 49, 50, 17, 31, 532A, 532B, 533, 382A, 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti qieset il-provi kollha prodotti f' dan il-proċess. Matul is-smigħ ta' din il-kawża, instemgħu s-segwenti xhieda u ċioe' Dottor Marlene Attard, l-allegata vittma Mohamed Hassan Ismail, PS1040 John Grima, Spettur Josef Gauci, PC 556 Jonathan Spiteri, Andrew Abela, PC 1318, PC 578, Lucia Ackerman, Joe Ross Portelli, Jonathan Mizzi u Deputata Reġistratur Diane Farrugia.

Ġiet ippreżentata wkoll l-istqarrija rilaxxata mill-imputat wara li ngħata d-drittijiet legali tiegħu u għazel li jirrinunzja għalihom.

Qabel xejn, din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ntqal mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-26 ta' Mejju, 2015 Numru. 1015/2010 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Therese Sciberras) vs NURE KAMAKAM (ID: 23663A) dwar il-grad ta' prova rikjesta fi proċeduri kriminali. Intqal:

*"Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-*

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Philip Zammit et' u tghid pero' mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li 'dubju*
*jkun dak dettat mir-raguni.'*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Peter Ebejer', dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz 'Miller vs Minister of Pension' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible*

*but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Issa dwar l-ewwel imputazzjoni, l-imputat qed jiġi akkużat ai termini ta' l-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216, 218, 222A(7) u 202(n) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ngħadd mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-19 ta' Settembru, 2011 fil-kawża Numru 242/2009 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Spiridione Zammit) vs Anthony Azzopardi fejn intqal hekk:

*"L-imputat jinsab akkuzat principalment bir-reat ta' tentattiv ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' huh Salvatore Azzopardi.*

*Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti ir-reat ta'l-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. "Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu." (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).*

*Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid: "the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued,*

*gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible."* (Notes on Criminal Law), *izda imbaghad izid "Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo."*

*Illi ukoll f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika vs Domenic Briffa deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul:*

*"Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei filktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) ighid f'pagna 79:*

*"Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento*

*che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre*
*sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo."*

*U ikkonkludiet: "Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew loffiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara*
*tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit-tieni lok."*

Issir referenza wkoll għad-deċizjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fl-4 ta' Mejju 2011 Numru. 924/2009 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Pierre Micallef Grimaud) Vs Simon Azzopardi fejn intqal:

*"Illi l-akkuza ewlenija f'dana il-process kriminali huwa ta' tentattiv ta' offiza volontarja gravi fuq il-persuna ta' Vella Casao. F'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali, il-Pulizija vs Emanuel Zammit, deciza fit-30 ta' Marzu 1998, gie deciz:*
*"Il-ligi taghna, ghall-fini tar-reat ta' offiza volontarja fuq il-persuna, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira dik ilhsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghal konsegwenzi kollha li effetivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu" Il-Professur Mamo ighid: "To constitute the crime of willful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely the animus nocendi, the generic intent to cause harm, without requiring necessarily the actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues."*

*Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid: "the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible." (Notes on Criminal Law), izda imbaghad izid "Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo."*

*Illi ukoll f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika vs Domenic Briffa deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur*

*Francesco Antolisei fit-tul u ikkonkludiet: "Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz".*

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, il-Qorti għandha għalhekk teżamina l-fatti ta' dan il-każ sabiex jiġi stabbilit jekk tistax tirriżulta ħtija għall-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront ta' l-imputat. Fil-kaz ta' offiża volontarja, l-intenzjoni ġenerika sabiex wieħed jagħmel ħsara hija bizzejjed iżda fil-każ ta' tentattiv tar-reat ta' l-offiża gravi jew gravíssima l-prosekuzzjoni jinħtieġilha tipprova lil hinn minn kull dubbju illi l-persuna akkużata kellha l-intenzjoni specifika illi tikkaġuna ħsara gravi fuq il-vittma.

Illi mill-provi akkwiżiti, jirriżulta li nqala' nċident fejn Mohamed Hassan Ismail ġie mkeċċi minn ġewwa bar fl-Imġarr, Għawdex (Vide xhieda ta' Joe Ross Portelli). Inqala' xi dizgwid u skont ix-xhieda ta' Andrew Abela, kien hemm grupp ta' nies li bdew jagħtu lil Mohamed Hassan Ismail bil-ponn. L-istess xhud okulari kompla jispjega li kien hemm *bouncer* li beda jimbotta lill-istess Mohamed Hassan Ismail. L-istess xhud kompla jispjega li Mohamed Hassan Ismail baqa' jiġi mbuttat u aggredit b'daqqiet ta' ponn fejn il-persuni nvoluti inkluż Mohamed Hassan Ismail qasmu t-triq u waslu qrib il-moll. Joe Ross Portelli wkoll jispjega li kien hemm xi Gharab li bdew iduru għal Mohamed Hassan Ismail. Mix-xhieda ta' Joe Ross Portelli u anke tax-xhud okulari Andrew Abela, irriżulta li l-imputat li dakinhar mix-xhieda ta' Andrew Abela jirriżulta li kien liebes flokk abjad, ta daqqa ta' ponn lil Mohamed Hassan Ismail u allontanna ruħu. Madanakollu, baqa' għaddej

argument bejn Mohamed Hassan Ismail u terzi. F' mument partikolari, l-imputat iddeċieda li jerġa' jmur fejn Mohamed Hassan Ismail u qabdu minn sidru u xeħtu l-bahar. Din l-azzjoni ġiet deskritta minn Andrew Abela bis-segwenti mod:

*"ix-xhud: Jigifieri dan milli nista' niftakar jien tah daqqa ta' ponn. Qaghad bilqieghda, rega' mar, ressaq il-mejda, ressaq l-iskip, tah daqqa ta' ponn, u tefghu ghal gol-bahar. Sadanittant imbaghad, nista' nghidlek li jien, x' hassejt jien, ovvjament ma kontx naf jekk jafx jghum jew le.*
*Spettur Josef Gauci: Jigifieri inti rajtu jixhtu gol-bahar?*
*Ix-xhud: Iva. ...jien rajtu jaghti daqqa ta' ponn, qabdu u tefghu gol-bahar.*
*Il-Qorti: Jigifieri tefghu, qisu xkora biex niftehmu, taqbad xkora jew inkella kif? ....kif qed tghid int qisha xkora u tefaghha hekk.*
*Ix-xhud: Ezatti. U tefghu ghal gol-bahar.*
*Il-Qorti: Jew faxx silla, hekk.."*

L-istess imputat waqt l-istqarrija li rrilaxxa ammetta li huwa għamel din l-azzjoni izda li din l-azzjoni għamilha sabiex iwaqqaf lil Mohamed Hassan Ismail milli jkompli jaqla' l-inkwiet u sabiex dan malli jħoss l-ilma, jigi f' tiegħu u ma jibqax daqstant fl-istat ta' sakra li kellu. In fatti, huwa sostna *"baqa' hemm u ma riedx jitlaq u tfajtu l-bahar għax ma tistax tirraġuna ma' persuna fis-sakra li fil-fatt mbagħad xħin ħareg minn ħol-bahar ma baqax kif kien, ġie daqxejn aħjar milli kien."* L-istess imputat sostna wkoll li huwa ma gieħx f' moħħu li seta' ta l-każ li l-imputat ma kienx jaf jgħum jew li seta' weġġa' xħin gie mixħut ġol-bahar billi seta' ntlaqat mid-dgħajjes li kien hemm.

Din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni tal-filmat li ġie eżebit in atti. Għalkemm, il-persuna li ħadet il-filmat ma ġietx prodotta mill-Prosekuzzjoni sabiex tixhed, irriżulta li dan il-filmat ġie mgħoddi lil ġurnalisti tat-Times of Malta mill-istess Andrew Abela. Andrew Abela ikkonferma l-istess fatti li jirriżultaw f'dawn il-filmati, kif ukoll ikkonferma fix-xhieda tieghu li dak il-*video* juri parti minn dak li seħħ u ċioe' il-climax ta' din il-ġlieda fejn il-vittma jidher qed jinxteħet il-bahar. L-istess fatti hekk kif deskritti mill-imputat u minn Joe Ross Portelli jikkombaċu ma' dak li jirriżulta minn dan il-filmat eżebit u mill-istills li ġew ppreżentati mill-espert maħtur minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta.

Minn dan il-filmat, din il-Qorti setgħet tikkonstata l-atteġġjament ta' l-imputat b' mod partikolari kif l-imputat mar fuq Mohamed Hassan Ismail u qabdu b' herra minn sidru u b' ħeffa u b' agitament tefgħu għal ġol-bahar. In oltre, jidher mill-filmat li l-imputat imbagħad telaq minn hemm mingħajr ma' lanqas vverifika jekk Mohamed Hassan Ismail ġralux xi ħaġa. Mohamed Hassan Ismail tħalla hemmhekk waħdu ġol-baħar meta kien jidher li l-istess Mohamed Hassan Ismail kien fi stat ta' sakra u għalhekk jista' jkun li ma kienx f' pozizzjoni li jgħum, jekk addirittura kien jaf jgħum (peress li lanqas ġie stabbilit jekk l-istess Ismail kien jaf jgħum).

Il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda ta' Joe Ross Portelli li dan sostna li qabel ma' seħħet din il-manuvra fejn l-imputat xehet lil Mohamed Hassan Ismail ġewwa l-bahar, l-istess Mohamed Hassan Ismail kien qed jhedded lill-imputat li kien ser joqtol lil familja tiegħu. Din il-Qorti, anke minn dak li kkonstat mill-atteggjament ta' l-imputat fil-filmat eżebiti, ma għandhiex dubbju illi f'dana l-mument li l-imputat

ħataf lil Mohamed Hassan Ismail bhal xkora u tefgħu l-baħar, l-istess imputat kien irrabjat għall-istess Mohamed Hassan Ismail.

Illi l-Qorti tistqarr illi ma temminx lill-imputat meta igħid illi l-intenzjoni tiegħu kienet biss li jġib lil Mohamed Hassan Ismail f' sensih billi jixħtu l-baħar. L-intenzjoni ta' l-imputat kienet waħda ċara u cioe' li jikkaġuna ħsara gravi fuq l-istess Mohamed Hassan Ismail ai termini ta' l-artikolu 216 tal-Kap 9. Fil-fehma umli ta' din il-Qorti, mill-provi prodotti rriżulta li l-imputat kellu l-*animus nocendi* u ċioe' xi intenzjoni generika li jikkaġuna ferita gravi fuq il-persuna ta' Mohamed Hassan Ismail. Din il-Qorti hija konvinta li l-azzjoni li ħa l-imputat fir-rigward ta' Mohamed Hassan Ismail saret ukoll biex ibezza' lill-istess Mohamed Hassan Ismail. Dwar imbagħad l-elementi ta' l-attentat, irid ikun hemm xi haġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà ta' dak li jkun li twaqqaf l-esekuzzjoni tar-reat. Dan l-element fil-każ odjern irriżulta bil-fatt li mill-pozizzjoni fejn spiċċa l-imputat, huwa ma kienx f' pozizzjoni li l-imputat jkun jista' jkompli bl-intenzjoni tiegħu li jikkaġuna ferita gravi fuq il-persuna ta' Mohamed Hassan Ismail. L-imputat bl-azzjoni li għamel, irnexxielu jixħet lil Mohamed Hassan Ismail il-bahar u dan kontra r-rieda ta' l-istess Mohamed Hassan Ismail. Fl-ebda ħin, ma ddezista volontarjament milli jkompli b' tali azzjoni.

Din il-Qorti izda ma hijiex konvinta li ġew imressqa provi suffiċjenti mill-Prosekuzzjoni sabiex jiġu applikati l-artikoli 222A(7) u l-artikoli 202(n) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. In fatti, ix-xhud okulari Andrew Abela kkonferma li għalkemm sema' kliem dispregjattiv fuq ir-razza jew fuq il-ġilda tal-vittma, dan il-kliem ma kienx ingħadd mill-imputat izda minn terza persuna.

Dwar it-tieni imputazzjoni, din il-Qorti tqies li l-Prosekuzzjoni naqset li tressaq dawk il-provi lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli dwar in-ness ta' kawzalita' bejn il-grieħi sofferti u l-aġir ta' l-imputat fil-konfront tal-allegata vittma Mohamed Hassan Ismail. Irriżulta mill-provi eżebiti, b' mod partikolari mix-xhieda ta' l-uffiċjal tal-pulizija PS1040 li Mohamed Hassan Ismail kien fis-sakra u sa anke waqa' quddiem l-istess uffiċjal tal-pulizija u weġġa' minkbu. Irriżulta wkoll mix-xhieda mogħtija kif ukoll mill-filmat eżebit, li Mohamed Hassan Ismail kien involut fi ġlieda qabel ma' ġie mixħut il-baħar. Għalhekk, din il-Qorti ma għandhiex quddiemha dik il-prova lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli li l-ġrieħi li ġew iċċertifikati minn Dr Marlene Attard kienu proprju ġrieħi li ġew ikkaġunati mill-imputat. Dawn setgħu ġew ikkaġunati f' diversi istanzi u minn persuni oħra li daħlu f' battibekk ma' l-istess Mohamed Hassan Ismail f' dik is-serata.

Għaldaqstant, din il-Qorti mhijiex ser issib ħtija fl-imputat fir-rigward tat-tieni imputazzjoni.

Dwar it-tielet imputazzjoni, din ukoll ma ġietx ippruvatha lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli mill-Prosekuzzjoni. In fatti, hemm konfuzjoni sħiħa dwar dan il-mobile. Fit-tielet imputazzjoni, jissemma Apple Iphone li l-ammont tal-ħsara ma tiskorrix EUR 2,500 izda hija aktar minn EUR 250. Prova ta' dan l-Apple Iphone allegatament Iphone 11 ma nġabitx. La ġie ppreżentat u lanqas ma ġie muri a tempo vergine lil pulizija sabiex dawn jikkorraboraw il-verzjoni mogħtija minn Mohamed Hassan Ismail u ċioe' li in vista ta' dan l-inċident, sofra ħsarat f' dan il-

mobile. Addirittura, il-mobile li ġie muri lil uffiċjali tal-pulizija PS1040 John Grima kien mobile ieħor tad-ditta Samsung li anke ġie ffotografat mis-surġent li kien qed jinvestiga l-każ. In vista ta' din il-konfuzjoni kollha, dwar jekk effettivament hijiex minnha l-verzjoni mogħtija minn Mohamed Hassan Ismail fir-rigward ta' dan l-Apple Iphone, din il-Qorti ma tqiesx li tressqu bizzejjed provi biex issib ħtija fl-imputat.

Dwar ir-raba' imputazzjoni, din tirriżulta li ħie ippruvatha. Din il-kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija dik li fil-Liġi Ingliża hija 'a breach of public peace'. Dan ifisser li persuni oħra jkunu beżgħu għall-inkolumita' tagħhom waqt l-inċident. Fil-kawża Il-Pulizija vs Pio Galea mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 1997 deċiża fis-17 t' Ottubru 1997 fejn intqal li biex jissussisti dan ir-reat:

*"irid ikun hemm, bhala regola, ghemil voluntarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil jsehh, jnissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f' mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita fizika ta' persuna kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil."*

Fil-każ odjern, l-aġir ta' l-imputat li qabad lil Mohamed Hassan Ismail u xeħtu l-baħar, qajjem tħassib f'moħħ terzi dwar l-inkolumita' fizika tagħhom.

Din il-Qorti sejra issa tgħaddi għall-ħames imputazzjoni, u ċioe' dik ta' ksur tal-probation. Skont l-artikolu 23 (1) tal-Kapitolu 446 jipprovdi li :

*"23.(1) Jekk persuna li fil-każ tagħha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinħareġ fir-rigward tagħha dikjarazzjoni ta' ħtija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti –*

*(a) jekk tkun l-istess qorti li tkun għamlet l-ordni ta'probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni għal liberazzjonikondizzjonata, tista' tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjaratħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat;*

*(b) jekk tkun qorti differenti, ghandha tibgħat lil dik il-persuna quddiem il-qorti li tkun għamlet l-ordni ta'probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta'probation u servizz jew l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata u dik il-qorti għandha kemm jista' jkun malajr, tara li dik il-persuna tinġieb quddiemha, u meta tinġieb prova għas-sodisfazzjon tagħha tad-dikjarazzjoni ta' ħtija dwar ir-reat ulterjuri, tista' tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret l-ordni b'kull mod li setgħet tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minnha jew quddiemħa ta' dak ir-reat."*

Il-Qorti qieset is-sentenza mogħtija fl-20 ta' Ottubru 2020 eżebita a fol 123 et seq mogħtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali kif ukoll il-fedina penali ta' l-imputat li minnha jirriżulta a fol 31 tal-proċess li t-terminu tal-probation kien ta' tlett snin

dekoribbli mill-20 ta′ Ottubru 2020. Għaldaqstant, fit-termini tal-artikolu 7 u l-artikolu 23(1)(b) tal-Att dwar il-Probation sejra tordna li l-ħati jintbagħat quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali biex jiġi ġudikat fuq il-fatt tal-ksur ta' l-Ordni ta' Probation maħruġ favur tiegħu minn dik l-istess Qorti b'sentenza tal-20 ta′ Ottubru 2020.

Il-Qorti qieset ukoll dak li jistipolaw l-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 u ċioe′ dwar ir-reċidiva. Il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tar-reċidiva għaliex hu nstab ħati ta′ reat u kien ippruvat li kellu kundanna oħra f′anqas minn ħames snin qabel sar ir-reat. In oltre, il-Qorti tinnota li l-atti jikkontjenu vera kopja tas-sentenzi mogħtija fil-konfront ta′ l-imputat. Il-konnotati kontra min ingħataw dawn is-sentenzi huma identiċi għal dawk tal-imputat fil-kawża odjerna u b′hekk ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li s-sentenzi eżebiti ġew mogħtija fil-konfront tal-imputat fil-kawza odjerna.

Dwar il-piena ħadet in konsiderazzjoni l-atti proċesswali kollha, il-fedina penali ta′ l-imputat, kif ukoll qieset il-gravita′ tar-reat minnu magħmul, Qieset ukoll li mill-fedina penali, l-imputat ingħata varji ordnijiet ta′ probation bil-għan li huwa jirriforma ruħu. Fic-ċirkostanzi, din il-Qorti tqies li piena karċerarja hija dik il-piena idoneja fil-każ odjern.

**Deċide**

**Għar-ragunijiet hawn fuq esposti, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 214, 215, 216, 338 (dd), 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta′ Malta ssib lill-**

**imputat ħati tal-ewwel u tar-raba' imputazzjoni kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva filwaqt li qed tikkundannaħ għal sentejn priġunerija. Dwar il-ħames imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 7 u 23(1)(b) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tordna li l-ħati Deelian Mifsud jintbagħat quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali biex jiġi ġudikat fuq il-fatt tal-ksur tal-Ordni ta' Probation maħruġ favur tiegħu minn dik l-istess Qorti b'sentenza tal-20 ta' Ottubru 2020. Il-Qorti mhijiex qed issib lil imputat ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet imressqa fil-konfront tiegħu.**

**In oltre, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tikkundanna lil Deelian Mifsud li jħallas l-ispejjeż peritali ammontanti għal €281.40c.**

**Kif ukoll, il-Qorti b'applikazzjoni tal-Artikolu 382 A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed toħroġ ordni ta' trazzin fil-konfront ta' l-istess ħati a favur tal-vittma, Mohamed Hassan Ismail, liema ordni ta' trazzin hija soġġetta għal varji kondizzjonijiet ilkoll kontenuti fl-istess ordni. Din l-ordni għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**(ft.) Dr. Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft.) Diane Farrugia**
**Deputat Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**